**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 14 ta' Diċembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 60/2017 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

---

[1] Fol. 1.

1. *Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldu tlett minuri, E li twieldet nhar il-21 ta' Ġunju tas-sena 2002; F li twieled nhar it-3 ta' Ottubru tas-sena 2006; u G li twieldet nhar l-24 ta' Ġunju tas-sena 2010 (ara ċ-ċertifikari tat-twelid tal-minuri hawn annessi u mmarkati bħala Dok A sa C);*

2. *Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minħabba aġir aggressiv da parti tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti u ta' uliedu minuri; u għaldaqstant hija tixtieq li tirregola l-kura u kustodja, il-manteniment u l-aċċess tal-imsemmija minuri, u di fatti ipprosegwiet permezz ta' proċeduri ta' medjazzjoni;*

3. *Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat 21 ta' Settembru 2016 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1341/16 VZ, ordnat lill-intimat iħallas €500 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, liema somma tiżdied meta l-intimat jibda jaħdem; filwaqt illi ġie akkordat aċċess lill-intimat għal uliedu taħt superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ (ara Dok D);*

4. *Illi waqt is-seduti ta' medjazzjoni, il-partijiet qablu li l-aċċess għandu jkun superviżjonat barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ; iżda permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat 15 ta' Frar 2017 fl-imsemmija atti, din il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-aċċess skont kif ġie rakkomandat mill-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ b'Nota datata 13 ta' Frar 2017 (ara Dok E);*

5. *Illi sussegwentament, l-esponenti ġiet awtorizzata sabiex tipproċedi b'dil-kawża mill-Qort Ċivili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 2 ta' Frar 2017 (ara Dok. F);*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna l-kura u kustodja tal-minuri E, F u G aħwa D tkun fdata f'idejn l-esponenti, u sabiex l-esponenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;*

2. *Tordna li l-imsemmija minuri jirrisjedu flimkien mal-esponenti; u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Takkorda aċċess għall-konvenut għall-minuri taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ; u dan wara li jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri, anke tramite ta' assessments appożiti, tenut kont ir-ralkkomandazzjonijiet u n-Noti tal-Aġenzija Appoġġ ippreżentati fl-atti tal-medjazzjoni numru 1341/16 VZ;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jaħdmu fuq bażi ful-time, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċiedu li jibqgħu jistudjaw; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnsaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-espoenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċji ttat-tfal, inkluż imma mhux limitatament, iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;*

5. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikunu għadhom qed jistudjaw; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

6. *Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri E, F u G aħwa D, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaporti għandhom jinżammu mill-esponenti; l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha, inkluż dawk relatati mal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1341/16 VZ, kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar il-21 ta' Lulju 2017,[2] u ppreżenta risposta ġuramentata fejn ġie eċċepit:[3]

*Illi l-esponent jichad kategorikament l-allegazzjonijiet qarrieqa u foloz imressqa mir-rikorrenti fil-konfront tieghu, semplicement bl-iskop li jhammguh u joskurawh ma' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi fil-qosor jinghad, illi minn relazzjoni twila bejn il-kontendenti, twieldu tliet uied, E, G u F, ilkoll minuri; il-partijiet dejjem għexu bħala familja b'hafna kapricci u kumdita' u dan stante li l-esponent kien jahdem fuq l-oil rigs bi dhul konsiderevoli;*

*Illi malli l-esponent tilef l-impjieg tieghu, ir-rikorrenti biddlet l-atteggjament taghha, bdiet tibred lejh, tghajjru kontinwament u anke tipprovokah quddiem l-ulied;*

*Illi l-esponent jiċħad kategorikament li huwa qatt kien vjolenti mar-rikorrenti jew ma' uliedu u fil-fatt b'responsabbilta' kbira jingħad illi tant l-esponent mhux vjolenti, li r-rikorrenti ma ddejqet xejn li huwa rabba' flimkien maghha, bint ohra li hija kellha miz-zwieg taghha ma' ragel iehor;*

*Illi l-esponent jikkontendi illi huwa minn dejjem kellu relazzjoni tajba hafna mal-ulied, u dan johrog bic-car ukoll min-noti inizzjali li gew intavolati mill-Agenzija Appogg. Sfortunatament madanakollu, wara kull seduta ta' medjazzjoni, il-minuri jibdew juru rezistenza lejn il-missier u dan l-ghaliex ir-rikorrenti kontinwalemnt taghmel l-almu taghha biex tinvolvi lit-tfal fil-kwistjonijiet mal-esponent;*

*Illi ormai huwa ben ovvju li l-ulied illum ghaddejjin minn parental alienation kbira tant li f'tempta' ftit gimghat bdew jaghmlu xenati meta jkun imisshom access mal-missier. Iktar minn hekk jinghad li ghalkemm gie rakkomandat li l-ulied jattendu ghas-psychotherapy, konvenjentement irrikorrenti sal-lum ghadha ma haditx lit-tfal ghall-istess, l-ghaliex ormai l-attrici hadet li riedet u cioe' qatghet l-access tal-missier;*

[2] Fol. 19.
[3] Fol. 43.

*L-esponent jirriserva minn issa li jressaq xhieda in sostenn ta' dan kollu.*

*Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissottometti s-segwenti:*

1. *Illi l-esponent jopponi għat-talba tar-rikorrenti li l-kura u l-kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament lilha. Kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża, ir-rikorrenti tippretendi li l-minuri huma biss tagħha u tikkunsidra lill-esponent biss bħala mezz biex takkwista l-flus. Fl-umli fehma tal-esponent mill-provi ser jirriżulta illi huwa fl-aħjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tal-ulied għandha tkun konġunta bejn il-partijiet, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, edukazzjoni u ħruġ o meno tal-passaport jittieħdu mill-partijiet b'mod konġunt;*

2. *Illi l-esponent ma jopponix għat-tieni talba u cioe' li l-ulied jabitaw mar-rikorrenti omm;*

3. *Illi l-esponent ma jopponix għat-tielet talba limitatament għall-access tiegħu versu ulied, madanakollu jopponi li l-istess access għandu jkun supervizjonat ad eternum u dan stante li l-esponent, kif ċertament jistgħu jikkonfermaw il-ħaddiema tal-Aġenzija Appoġġ, huwa raġel tal-affari tiegħu u m'għandu l-ebda diffikultajiet. Sfortunatament id-diffikultajiet fl-access qed ikunu biss ikkawżati mill-parental alienation li l-attriċi qed teżerċita fuq l-ulied. L-esponent għandu jkollu access ampju, inkluż sleepovers, għal-uliedu u dil-Onorabbli Qorti għandha tagħti wkoll provvediment dwar għeluq snin ir-rikorrent, għeluq snin il-minuri, festi pubbliċi u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Għid, tal-Karnival u tal-Milied;*

4. *Illi l-esponent m'għandux diffikulta' illi jmantni lill-uliedu, skont il-mezzi u l-qliegħ tiegħu, dawk tar-rikorrenti omm u fuq kollox il-bżonnijiet tal-minuri. L-esponent joġġezzjona li l-manteniment likwdat għandu jinqata' direttament mis-salarju tiegħu u dan stante li huwa dejjem onora l-obbligu ta' manteniment mingħajr ebda diffikulta'. L-esponenti lanqas ma jopponi li l-attriċi tipperċepixxi c-children's allowance tal-ulied;*

5. *Illi l-esponent m'ghandux diffikulta' illi jhallas sehmu mill-ispejejz ta' sahha u edukazzjoni, dment illi jkun hemm konsultazzjoni u qbil dwar l-istess spejjez;*

6. *Illi l-esponent ma jopponix ghall-ahhar talba tar-rikorrenti u cioe' li l-Qorti taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq, fl-ahjar interess tal-ulied minuri.*

7. *Illi finalment, l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjeż kollha tal-proceduri odjerni.*

*Salv eccezzjonijiet ulteruri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' E H D, li jġib in-numru progressiv 2507 tas-sena 2002;[4]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' G D, li jġib in-numru progressiv 2084 tas-sena 2010;[5]

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ta' F D, li jġib in-numru progressiv 3499 tas-sena 2006;[6]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 2 ta' Frar 2017,[7] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat l-affidavits tal-attriċi;[8]

Rat l-affidavits tal-konvenut;[9]

Rat l-atti proċesswali kollha;

---

[4] Fol. 7.
[5] Fol. 8.
[6] Fol. 9.
[7] Fol. 12.
[8] Fol. 58, 592.
[9] Fol. 618, 682.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[10] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti akkordat lill-attriċi sitt (6) ġimgħat żmien biex tressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema fakolta' ingħatat ukoll lill-konvenut kontumaċi u dan ai termini tal-Artikolu 158 subinċiż 10 tal-Kapitou 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[11]

Rat in-nota ta' sottmissjonijiet tal-attriċi,[12] u n-nota responsiva tal-konvenut;[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[14]

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET:

### 1. L-Azzjoni Odjerna:

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldu E D nhar il-21 ta' Ġunju 2002, F D nhar it-3 ta' Ottubru 2006, u G D nar l-24 ta' Ġunju 2010. Il-partijiet għamlu żmien jgħixu flimkien bħala familja, iżda għal numru ta' raġunijiet varji tali relazzjoni sfaxxat fix-xejn. Fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċaw jgħixu mal-attriċi filwaqt li l-konvenut qiegħed iħallas il-manteniment għalihom. Jirriżulta illi *pendente lite* hemm *in vigore* numru ta' digrieti dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri. Tenut kont li r-relazzjoni bejn il-partijiet sfaxxat minħabba allegata vjolenza da parti l-konvenut fil-konfront tal-attriċi u l-minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward uliedha, aħwa D, tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

[10] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2017, a fol. 48.
[11] Fol. 15.
[12] Fol. 699.
[13] Fol. 714.
[14] Fol. 15.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi tkun awtorizzata tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, filwaqt li dawn jirrisjedu magħha b'mod permanenti;

ii. Tordna li l-konvenut ikollu d-dritt għal aċċess mal-minuri taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ, u dan jekk jirriżulta li huwa fl-aħjar interess tal-minuri;

iii. Tiffissa manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas ukoll nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

iv. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, *inter alia*, is-safar, il-ħruġ tal-passaport, u l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari, edukattivi, u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona fir-rigward tal-kura u kustodja li din tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, u kif ukoll li l-aċċess ikun taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ. Min-naħa l-oħra, huwa ma jopponix li l-minuri jirrisjedu mal-attriċi u kif ukoll li jħallas manteniment għalihom.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:</u>*

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit,[15] fejn tgħid li ltaqgħat mal-konvenut fl-2001 meta kienet taħdem ġo ħanut *Tip Toes* ġewwa Raħal il-Ġdid u ġie jitlobha n-numru tat-telefon. Tikkonferma li bdew jitkellmu fuq it-telefon, u wara xi sena bdew jiltaqgħu fi tmiem il-ġimgħa ma' oħtu u r-raġel tagħha. Sakemm il-partijiet ma kienux jgħixu flimkien, ir-relazzjoni tagħhom kienet sejra tajjeb u kienu kuntenti flimkien. F'Settembru 2001, l-attriċi tgħid li waqfet mix-xogħol għax kienet ħarġet tqila bl-ewwel wild tagħhom, u marru jgħixu f'post mikri. Jingħad li hemmhekk bdew il-problemi bejn il-partijiet fejn kull darba li l-konvenut kien

[15] Fol. 58.

jitlalu fuq xi ħaġa, kien jirrabja, jidgħi u jitlaq 'il barra. Fl-istess perjodu kien hemm problema finanzjarja, iżda qatt ma argumentaw fuq hekk.

Maż-żmien, il-partijiet bdew jargumentaw bejniethom u r-relazzjoni bdiet tmur għall-agħar. Meta jargumentaw, l-attriċi tikkontendi li ħafna drabi l-konvenut kien jaqbad l-affarijiet u jkisser, u jaqbad u jitlaq 'il barra. Wara li twieled it-tieni wild, l-attriċi tgħid li ma xtaqitx terġa' tinqabad tqila, u għalkemm kienet tgħidlu biex juża l-protezzjoni, huwa xorta kien jirrifjuta. Konsegwentament l-inkwiet kompla jiżdied hekk kif bint l-attriċi li kellha miż-żwieġ qabel ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut, I, inqabdet tqila. Il-konvenut kien jargumenta ħafna ma' I, ma kienx irid l-għarus tagħha d-dar u kien saħansitra jinsisti biex I titlaq mid-dar. L-attriċi tagħti rendikont ta' episodju fejn darba fis-sena 2009, I ġiet lura d-dar bit-tarbija wara li kienet għand omm is-sieħeb tagħha, u eżatt kif is-sieħeb ta' I poġġa l-affarijiet tat-tarbija fejn it-taraġ, leħaq wasal il-konvenut u dan dlonk beda jargumenta ma' I minħabba s-sieħeb tagħha, tant li kien se jgaralha *t-television*. Minn dakinhar, qabdet l-affarijiet u telqet tgħix għand zijitha materna, b'dana illi qatt ma rritornat lura d-dar. Magħdud ma' dan u meta l-attriċi ħarġet tqila bl-aħħar wild, tgħid li l-konvenut kien dejjem jakkużaha illi l-wild ma kienx tiegħu, iżda huwa malajr bela' ilsienu hekk kif twieldet għax il-minuri tixbah ħafna lilu u lit-tifla ta' oħtu.

L-attriċi tikkontendi illi l-konvenut kemm-il darba kellu xi jgħid man-nies, anke mal-ġara, fejn f'argument ma' din tal-aħħar f'saħna tal-mument kien ta daqqa ta' ponn il-ħġieġa tat-tieqa, spiċċa fetaħ idejh u għamel il-punti. Darba' oħra kellu argument ma' xi ħadd il-*Beach Club* Wied il-Għajn, fejn ta daqqa ta' ponn lil xi ħadd. Issemmi ukoll episodju fejn f'Diċembru 2012, xi ħadd kien ċempel lill-attriċi u qalilha li l-konvenut kien ilu jibdilha. Għalkemm ikkonfrontat lil konvenut, l-attriċi tgħid li kien qalilha li ma kellhiex x'taqsam magħha din il-ħaġa, iżda maż-żmien bdiet tinkwieta u bdew ġejjin id-dubji. Sena wara, kemm il-konvenut, kif ukoll l-attriċi kellhom felul, li skont it-tabib Dr Mark Sant dawn kienu ġew trasmessi mis-sess. L-istess kien ġie kkonfermat minn Dr Lawrence Fenech, u għalhekk għall-attriċi dan kompla jikkonferma kemm il-konvenut kien qed jigdeb. Għalhekk, l-attriċi kienet waqfet il-kuntatt sesswali mal-konvenut u l-konvenut kien jispiċċa jinfexx joffendiha. Tgħid ukoll li darba kien saqsiha *"inti li temmen f'Alla ma taħfirx u bniedem ma jistax jiżbalja?"*, u l-attriċi temmen li b'dik il-mistoqsija hija kkonfermat li l-konvenut kellu relazzjoni oħra ma' xi ħadd.

Jiġi dikjarat li l-konvenut qatt ma ħa interess fil-ħajja tat-tfal, għamel żmien ma jaħdimx, u kien iħalli kollox f'idejn l-attriċi. Il-minur kienu ukoll dejjem preżenti waqt l-argumenti tagħhom, u mhux l-ewwel darba li E kienet tidħol bejniethom biex twaqqaf lil missierha milli jħebb jew iweġġa' lill-attriċi. L-affarijet iggravaw l-aħħar tlett (3) snin meta l-attriċi ddeċediet li titlaq mid-dar. L-attriċi tagħti rendikont ta' madwar ħames (5) episodji fejn il-konvenut kien vjolenti u aggressiv magħha u mat-tfal. Hija tikkontendi li l-konvenut kien ikun dejjem irrabjat għax kienet skopriet li huwa kellu relazzjoni ma' ħaddieħor u li hi ma ridietx ikollha relazzjoni intima miegħu. Madanakollu, l-attriċi tgħid li kien hemm drabi fejn kellha rapporti intimi miegħu u ppruvat taħdem fuq ir-relazzjoni minħabba li kellhom tlett (3) itfal, iżda l-konvenut qatt ma wera rispett u responsabbilita', anzi beda jżid fil-ħruġ u jidħol tard.

Konsegwentament oħt l-attriċi kienet għinitha biex titlaq mid-dar permezz tal-Aġenzija Appoġġ. Fil-fatt nhar il-11 ta' Awwissu 2016, l-attriċi ħarġet bl-iskuża li sejra tagħmel il-qadi iżda kienet fil-verita' marret għad oħtha. Ftit tal-ħin wara kienu ġew tal-Aġenzija Appoġġ u ħaduha x-xelter Dar Merħba Bik. Wara ftit taż-żmien li l-attriċi daħlet Dar Merħba Bik, hija bdiet l-proċeduri l-Qorti biex jiġi regolat dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tfal. L-attriċi tgħid li hija kienet għamlet sat-23 ta' April 2017 ġewwa x-xelter, u wara bdiet tikri post ġewwa Marsascala. Tgħid ukoll li ma tistax taħdem fuq bażi *full-time* peress li x-xogħolijiet li qed issib ma għandhomx ħinijiet tajbin għat-tfal. Nelfrattemp, il-konvenut beda jeżerċita d-dritt tal-aċċess u għal bidu l-aċċess kien sejjer tajjeb, iżda maż-żmien it-tfal bdew jagħtuha l-problemi biex imorru għall-aċċess u finalment bdew jirreżistu milli jmorru għall-istess. Fil-fatt *pendente lite* l-Qorti stess issospendiet l-aċċess sakemm it-tfal jibdew jattendu għall-sessjoni ta' terapija filwaqt li l-missier imur għal terapija psikoloġika.

L-attriċi tgħid li l-aħħar espisodju bejnha u l-konvenut kien seħħ l-1 ta' Ġunju 2017, meta l-iskola tat-tfal ċemplu lil konvenut sabiex jiffirma ħalli t-tfal jattendu Klabb 3-16. Dakinhar stess, il-konvenut kien baqa' jistenna barra u ma kienx iffirma l-karti. L-attriċi tgħid li ħadet lit-tfal u bdiet mixja lejn id-dar, iżda l-konvenut spiċċa biex mar warajhom bil-karozza, beda jross mal-bankina, irnexxielu jaqbad lill-attriċi mill-flok, u jiġibha ukoll minn xagħarha. Dan kollu ġie rapportat lil Pulizija, iżda minkejja li kienu telgħu l-Qorti, u l-attriċi rat li l-konvenut ma kienx reġa' segwihom jew ħebb għalihom, għalhekk kienet aċċettat

li ssir obligazzjoni fl-atti. Magħdud ma' dan, l-attriċi tikkonferma li l-konvenut dejjem ħallas il-manteniment fil-ħin, għajr għal dak il-perjodu li biddel l-impjieg u ċjoe' nofs Novembru 2017, Diċembru 2017 u Jannar 2018. Għalhekk l-attriċi tisħaq li hemm madwar €1,250 arretrati ta' manteniment. Tgħid ukoll illi hija dejjem aċċettat is-somma ta' €500, iżda xorta qed tirrinfaċċa ħafna spejjeż sbiex tleħħaq. Għalhekk tixtieq li l-manteniment jgħola ħalli b'hekk jirrifletti l-ispejjeż li qed tħallas kuljum, li għandi jiġi depożitat direttament fil-kont bankarju tagħha.

Finalment l-attriċi tgħid *"jien minn dejjem ħadt ħsieb lit-tlett itfal u Manwel rari interessa ruħu fihom. Sfortunatament, it-tfal kienu preżenti u raw lill-missierho, f'diversi okkażjonijiet, vjolenti fil-konfront tiegħi u huma kienu anke vittmi ta' swat mingħandu. (...) Manwel ilu madwar sena ma jara lit-tfal u jqatta' ftit ħin magħhom; u dejje afda fija biex nieħu deċiżjonijiet importanti rigward uliedna, anke meta konna ngħixu flimkien. Għalhekk jien għandi niġi fdata l-kura u kustodja tal-minuri, u niġi awtorizzata nieħu dawk id-deċiżjonijiet relatati mas-safar, ħruġ tal-passaportim mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri u t-tfal jirrisjedu miegħi.*

*Rigward l-aċċess ma' Manwel, jien qatt ma ridt inċaħħad lill-uliedi minn missierhom pero dejjem ippruvajt ninkoriġġihom imorru. Għalkemm għamel li għamel jien dejjem ikkoperajt u ħadt it-tfal għall-aċċess li dak iż-żmien kien taħt superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ iżda għal xi raġuni t-tfal bdew maż-żmien jirrifjutaw milli jmrru għall-aċċess u dan kien ġie anke osservat mill-ħaddiema tal-Appoġġ. Jien xorta waħda bl-ebda mod ma rrid li nċaħħad lit-tfal minn missierhom iżda dan għandu jkun ta' ġid għalihom u mhux li ssirilhom aktar ħsara. Għalhekk, inħoss li qabel jibda l-aċċess għandu jsirassessment minn professjonisti halli b'hekk kulħadd ikollu rasu mistrieħa li t-tfal ppreparati biex jaraw lill-missiehrom; li missierhom huwa stabbli u kapaċi jieħu ħsieb it-tfal waħdu; u li l-ambjent u l-mod kif jerġa' jibqa ikun wieħed tajjeb u sigur għalihom".*

F'affidavit ulterjuri,[16] l-attriċi tiddikjara illi l-konvenut dejjem għadda l-manteniment fil-ħin ħlief fiż-żmien meta jbiddel l-impjieg. Fil-fatt terġa' tikkonferma illi l-konvenut ma ħallasx il-manteniment għal nofs Novembru 2017, Diċembru 2017 u Jannar 2018. Għalhekk, l-attriċi tgħid li kellha tagħmel rapporti mal-Pulizija, iżda għalkemm il-konvenut reġa' beda jħallas, huwa naqas milli

[16] Fol. 592.

jħallas l-ammont kollu. Tispjega li mid-29 ta' Jannar 2018 sas-7 ta' Novembru 2018 il-konvenut ħallas is-somma ta' €2,290. Tispjega ukoll illi l-konvenut naqas ukoll milli jħallasha l-manteniment għax-xahar ta' Ottubru 2019, u tasal għal konklużjoni li l-konvenut għandu jħallasha s-somma ta' €4,210 f'arretrati.

Tikkonkludi billi tgħid illi t-tifla l-kbira llum il-ġurnata spiċċat mill-iskola pero' għadha mhux qed taħdem, u qed tieħu ħsieb tmantniha hi stess, kemm lilha u lil bintha. Għalhekk skontha, l-ammont ta' €500 ma huwiex biżżejjed. Tgħid illi hija tikri post ġewwa Wied il-Għajn u tħallas is-somma ta' €550 fix-xahar, apparti s-somma ta' madwar €60 f'kontijiet tad-dawl u ilma mensilment. Tikkonkludi illi fir-rigward ta' aċċess hija qatt ma oġġezzjonat għalih, iżda talbet illi dan ikun ta' ġid għal minuri u li jkunu protetti mill-attitudni aggressiva u irresponsabbli tiegħu.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Bernardette Briffa in rappreżentanza ta' Dar Merħba Bik*,[17] fejn ippreżentat rapport relattiv għal każ odjern mħejji minnha stess datat 10 ta' Ottubru 2018.[18] F'dan ir-rapport ġie kkonfermat illi *"During their stay* (tat-tfal) *at the Dar Merħba Bik Foundation it was frequently reported that the children due to their parents' conflict found it very difficult to settle down and get on with their daily lives and their schooling. There were frequent reports that the children were unwell and had to absent themselves from school and from their SV appointments. C D use to phone twice a day to speak to his children. Initially the two younger siblings used to take up his calls until both of them together with their elder sister refused to spea to their father at all"*;

b. *Ix-xhieda ta' Sarah Micallef in rappreżentanza tad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[19] fejn iddikjarat li ħejjiet notamenti mill-file tal-attriċi li għandha l-Aġenzija Appoġġ, iżda tikkonferma li fil-preżent il-każ huwa magħluq hekk kif l-attriċi ma ħassietx li kellha iktar bżonn l-għajnuna tagħhom. Dawn in-notamenti jikkonfermaw li l-attriċi kellha l-ewwel kuntatt mat-Taqsima tal-Vjolenza Domestika ġewwa l-Aġenzija Appoġġ fil-11 ta' Awwissu 2016, hekk kif ġie allegat minnha stess li kienet qiegħda

[17] Fol. 431.
[18] Fol. 434.
[19] Fol. 431.

ssofri minn abbuż fiżiku u emozzjanli min-naħa tas-sieħeb tagħha. Jingħad illi fl-ewwel laqgħha tal-attriċi mal-ħaddiema soċjali, l-attriċi kienet tidher imbeżżgħa u anzjuża. Wara li l-attriċi ddeskriviet fid-dettall l-abbuż li sofriet minnu matul il-konvivenza tagħha mal-konvenut, hija kienet uriet ix-xewqa illi li titlaq mid-dar flimkien ma' uliedha u għalhekk ingħataw l-għajnuna neċessarja sabiex jidħlu f'dar residenzjali Dar Merħba Bi, fejn damet għal madwar tmien (8) xhur;

c. *Ix-xhieda ta' C D*,[20] fejn ikkonferma li dam f'relazzjoni mal-attriċi għal madwar sittax-il (16) sena. Jispjega li huwa għadu jgħix fil-post ta' Bormla, fejn għandu kirja ta' €500 fis-sena, iżda għalkemm ma għandux kuntratt ta' kera għandu ktieb tal-kera. Magħdud ma' dan jispjega li kienet l-attriċi li temmet ir-relazzjoni ta' bejniethom hekk kif darba fost l-oħrajn qam filgħodu u ma sab lil ħadd. Jiċħad li kellu relazzjoni ma' terzi persuni, iżda jisħaq li kienet l-attriċi li trasmettitlu marda sesswali;

d. *Ix-xhieda ta' RPC 3141 Janet Cicala in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[21] fejn ippreżentat: (i) l-fedina penali tal-konvenut,[22] (ii) il-fedina penali tal-attriċi,[23] (iii) rapport magħmul mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi datat 11 ta' Awwissu 2016, fejn irrapporta li l-attriċi kienet telqet mid-dar bit-tfal b'kollox,[24] u (iii) rapporti magħmula mill-attriċi fil-konfront tal-konvenut, ossija: (a) rapport datat 10 ta' Settembru 2018,[25] fejn irrapportat nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, (b) rapport datat 30 ta' Mejju 2018,[26] fejn irrapportat illi nuqqas ta' ħlas ta' manteniment, (c) rapport datat 1 ta' Ġunju 2017,[27] fejn irrapportat illi ġiet aggredita mill-ex sieħeb tagħha waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu, ħatafha mill-flokk u għamillha xi ġrieħi, waqt li nelfrattemp beda jitkellem ħażn u joffendiha;

[20] Fol. 445.
[21] Fol. 464.
[22] Fol. 468: fejn jidher li l-konvenut instab ħati ta' diversi reati: (i) ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq I D nhar is-7 ta' Marzu 2001, (ii) kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, kif ukoll ħebb għal Mary Bilocca u kkaġunala lilha u kif ukoll lil I D ġrieħi ta' natura ħafifa nhar il-11 ta' Mejju 2001, (iii) Kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied, qal kleim faħxi li jikkonsisti f'dagħa, kif ukoll ħebb għal I D u kkaġunalha ġrieħi ta' natura ħafifa, kif ukoll heddedd u nsulenta lill-istess I D nhar il-15 ta' Jannar 2001, (iv) kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika bl-għajjat u ġlied nhar id-19 ta' Frar 2003, (v) nuqqas ta' pagamenti mal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud għal perjodi li ntemmu fil-31 ta' Diċembru 2000 sat-3 ta' Diċembru 2007, (v) ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq Richard John Charles Cuschieri nhar il-25 ta' Settembru 2012, u (vi) disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.
[23] Fol. 472: li hija netta.
[24] Fol. 474.
[25] Fol. 477.
[26] Fol. 480.
[27] Fol. 483.

e. *Ix-xhieda ta' Ritianne Borg Saliba in rappreżentanza ta' St Thomas Moore College Marscala Primary*,[28] fejn eżebiet: (i) l-attendenza ta' G D mill-1 ta' Frar 2019 sal-aħħar ta' Ġunju 2019,[29] (ii) l-*achievement report* tal-aħħar sena ta' G Da;[30]

f. *Ix-xhieda ta' Isabelle Vella in rappreżentanza ta' St Anne's Clinic*,[31] fejn ikkonfermat illi t-tabib jrid jixhed dwar l-attriċi, hekk kif dan mhux ser jgħaddi tali informazzjoni lilha personalment;

g. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[32] li kkonferma li fuq isem l-attriċi la kien hemm u lanqas hemm fil-preżent vetturi rreġistrati fuq isimha,[33] filwaqt li fuq isem il-konvenut kien hemm erbgħin (40) vettura reġistrati fil-passat,[34] u tlett (3) vetturi oħra li jinsabu reġistrati fuq ismu fil-preżent;[35]

h. *Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino in rappreżentanza ta' BNF Bank*,[36] li kkonferma li fuq isem l-attriċi ma sab l-ebda kont tal-bank,[37] filwaqt li fuq isem il-konvenut sab: (i) kont bin-numru 31673310001 bħala *current account* li fil-preżent huwa magħluq,[38] (ii) kont bin-numru 31673310002 bħala *current* account li fil-preżent huwa magħluq,[39] u (ii) kont bin-numru 31673320001 bħala *term deposit account* li fil-preżent huwa magħluq;[40]

*i.* *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[41] fejn iddikjarat li: (i) fuq isem l-attriċi sabet kont bankarju bin-numru 17309050029 bħala *savings account* li għadu miftuħ,[42] filwaqt li, (ii) fuq isem il-konvenut instabu: (1) kont bin-numru 40013943541 bħala *consumer*

---

[28] Fol. 464.
[29] Fol. 487.
[30] Fol. 488.
[31] Fol. 465.
[32] Fol. 66.
[33] Fol. 70, 71.
[34] Fol. 78 – 119.
[35] Fol. 72 – 77.
[36] Fol. 66.
[37] Fol. 120.
[38] Fol. 121.
[39] Fol. 127.
[40] Fol. 128.
[41] Fol. 66.
[42] Fol. 129.

*loans account*,[43] (2) kont bin-numru 40013943596 bħala *savings account,*[44] (3) kont bin-numru 40014867972 bħala *credit card loans account*,[45] (4) kont bin-numru 40014868007 bħala *credit card loans account*,[46] (5) kont bin-numru 40018531217 bħala *savings account*,[47] u (6) *credit card account* bin-numru 4552401307024 01232214.[48]

F'xhieda ulterjuri,[49] ix-xhud ippreżentat *update* fuq il-kontijiet tal-partijiet, u eżebiet *statement* bankarju: (i) tal-konvenut tal-kont numru 40018531217 bħala *savings account*,[50] (ii) tal-attriċi tal-kont numru 17309050029 bħala *savings account*;[51]

j. *Ix-xhieda ta' Alison Mifud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[52] fejn iddikjarat illi fuq isem il-konvenut ma hemm l-ebda kont, filwaqt li fuq isem l-attriċi hemm: (i) kont bin-numru 011175445050 bħala *savings account*,[53] (ii) kont bin-numru 013063128051 bħala *savings account*,[54] (iii) kont bin-numru 013063128050 bħala *savings account*,[55] u (iv) kont bin-numru 040143216050 bħala *savings account*.[56]

F'xhieda ulterjuri,[57] ix-xhud ippreżentat *update* fuq il-kontijiet tal-partijiet, u eżebiet *statement* bankarju: (i) tal-attriċi tal-kont numru 011175445050 bħala *savings account*,[58] (ii) tal-attriċi tal-kont numru 013063128051 bħala *savings account.*[59]

k. *Ix-xhieda ta' Rebecca Micallef in rappreżentanza ta' APS Bank*,[60] li ddikjarat li fuq isem l-attriċi ma hemm l-ebda kont, filwaqt li fuq isem il-

[43] Fol. 143.
[44] Fol. 149.
[45] Fol. 171.
[46] Fol. 174.
[47] Fol. 177.
[48] Fol. 222.
[49] Fol. 504a.
[50] Fol. 508.
[51] Fol. 534.
[52] Fol. 67.
[53] Fol. 297.
[54] Fol. 311.
[55] Fol. 373.
[56] Fol. 389.
[57] Fol. 504a.
[58] Fol. 536
[59] Fol. 559.
[60] Fol. 67.

konvenut sabet: (i) kont bin-numru 20000854099 bħala *current account* li fil-preżent huwa magħluq,[61] u (ii) kont bin-numru 20000824331 bħala *savings account* li fil-preżent huwa magħluq;[62]

*l.* *Ix-xhieda ta' Emily Abela in rappreżentanza ta' Melita Ltd*,[63] fejn ippreżentat informazzjoni fuq l-attriċi, u ddikjarat li għandha żewġ (2) kontijiet mal-imsemmija kumpanija fuq *Flat 4, Marthese Fats, Triq l-Artiljieri, Marsascala,*[64] fejn wieħed huwa tad-dar li għadu attiv,[65] u l-ieħor tal-*mobile* li m'għadux attiv,[66] – fejn jidher li l-attriċi għandha żewġ kontijiet pendenti, ċjoe' ta' €138.89 u €375.92;

*m.* *Kopja ta' statements bankarji li juru li fil-perjodu bejn Jannar 2018 sa Ottubru 2019, il-konvenut ma kienx qiegħed iħallas il-manteniment fl-intier tiegħu*;[67]

*n.* *Prospett dwar l-ispejjeż għal bżonnijiet tat-tlett (3) itfal minuri*,[68] fejn fix-xahar tonfoq is-somma ta' €1,284, u €340 oħra spejjeż fissi fis-sena – liema somma tista' tawmenta ukoll għal €600;

*o.* *Kopja tal-kuntratt tal-kirja tal-appartament ġewwa Wied il-Għajn fejn toqgħod l-attriċi*,[69] fejn jidher li l-attriċi qed tħallas is-somma ta' €550 fix-xahar mingħajr spejjeż ta' dawl u ilma;

*p.* *Il-konvenut in kontro-eżami*,[70] jikkonferma li ma jaqbilx mad-deċiżjoni li l-aċċess jitwaqqaf. Skontu t-tfal mhux qed jiġu mrobbija tajjeb, speċjalment tenut kont li E għandha żewġt itfal minn żewġ missirijiet differenti. Dan minkejja li qabel huwa kien jadfa lit-tfal mal-attriċi meta huwa kien jaħdem barra minn Malta, għaliex ma kellux għażla. Madanakollu jisħaq illi l-attriċi qatt ma kienet kapaċi tieħu ħsieb lit-tfal sakemm kienu għadhom flimkien għaliex kienet iċċaħħad lil uliedhom minn ċertu affarijiet. Fil-fehma tal-

[61] Fol. 425.
[62] Fol. 426.
[63] Fol. 504a.
[64] Fol. 577.
[65] Fol. 578.
[66] Fol. 585.
[67] Fol. 594 – 613.
[68] Fol. 614.
[69] Fol. 615.
[70] Fol. 685.

konvenut, il-fatt li l-attriċi riedet li t-tfal imorru l-Klabb 3-16 jirrifletti li ma hijiex kapaċi tieħu ħsieb lit-tfal. Dakinhar meta mar l-iskola biex is-surmast jispjegalu d-dokumenti tal-Klabb 3-16, il-konvenut jiċħad illi kien mar wara l-attriċi u t-tfal. Jgħid ukoll li jaħdem bħala *detention officer* b'paga netta ta' madwar €850 fix-xahar. Jikkonferma ukoll li huwa qed iħallas is-somma ta' €400 fix-xahar bħala manteniment u dan minkejja li d-digriet jgħid li għandu jħallas is-somma ta' €500, u dan għaliex bintu l-kbira għandha għoxrin (20) sena. Filfatt jgħid illi *"sakemm E għalqet it-18 jien kont nagħtiha 500, meta ghalqet it-18 jien naqqastilha 100"*.

*<u>Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mressqa Minnu:</u>*

L-attur xehed permezz ta' affidavit,[71] u ddikjara li hu u l-attriċi ltaqgħu l-ewwel darba l-Qorti tal-Familja meta huma t-tnejn kienu għaddejjin bi proċeduri taż-żwiġijiet rispettivi tagħhom, fejn l-attriċi talbet lil konvenut in-numru tal-*mobile*. Wara tlett (3) xhur flimkien, il-konvenut kien spjegalha li ried familja u hi wriet xewqat simili. Għalhekk qablu li l-attriċi tieqaf taħdem ħalli tkun mat-tfal, inkluż bintha mwielda minn relazzjoni preċedenti, liema wild il-konvenut rabba qisha tiegħu. Jgħid li hu dejjem ħadem u ma kellhomx problemi ta' flus. Ma jaqbilx mal-attriċi meta qalet illi huwa kien jagħmel xogħol ta' *security* u li ma kienetx isservihom il-paga, hekk kif hu jisħaq li dak iż-żmien kien jaħdem mal-*Offshore Marine Service* (OMS) u jaħdem fuq it-*Transocean Shelf Explorer* b'paga ta' Lm138 kuljum, u meta kien ikun b'*leave* ġewwa Malta huwa kien imur jagħmel xi xogħolijiet oħra. Nel frattemp, l-attriċi kienet tagħmel ix-xogħol ta' mara tad-dar u għalhekk kien iħalli f'idejha biex tħallas kera u kontijiet stante li huwa kien ikun ħafna fuq barra b'xogħol, iżda jingħad li l-attriċi kienet traskurata f'dan ir-rigward.

Il-konvenut jisħaq illi huma bħala koppja ma kienux jargumentaw wisq, iżda l-ikbar inkwiet bejniethom kien jikkonċerna lil I, bint l-attriċi. Jikkontendi li xi ħadd kien wassal lil konvenut li kienu raw lil I ikollha rapporti intimi fil-pubbliku ma' ġuvni x-Xgħajra, u għalhekk kien qal lill-attriċi illi jekk I tinqabad tqila huwa ma kienx lest li jrabbi t-tfal ta' ħaddieħor taħt is-saqaf tiegħu. Kienet biss kwistjoni ta' żmien, għaliex fil-fatt I ħarġet tqila, iżda l-konvenut kien aċċetta li I tgħix magħhom bit-tarbija, għalkemm huwa qatt qabel ma kien ra jew iltaqa' mas-sieħeb ta' I. Jispjega illi darba minnhom kellu xi jgħid ma' I minħabba l-fatt

[71] Fol. 618.

li kien skopra li s-sieħeb tagħha kien imur id-dar meta l-konvenut ma kienx ikun hemm. Minn dakinhar, huwa jikkonferma illi I marret tgħix ma' omm l-attriċi, u r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet sejra lura.

Jispjega ukoll illi meta kellu bżonn jidħol l-isptar minħabba problemi fil-qalb, l-attriċi ma marritx tarah, u dan a kuntrarju tiegħu li jgħid li dejjem kien imur magħha għall-appuntamenti l-isptar meta kienet tqila. Fir-rigward tal-ġlied tal-konvenut imsemmi mill-attriċi, huwa jiċħad l-avvenimenti kif elenkati mill-attriċi fil-ġlieda mal-ġara, anzi jgħid li sa llum għad għandu relazzjoni tajba mal-ġirien tiegħu. Fir-rigward tal-ġlieda ġewwa l-*Beach Club*, il-konvenut jgħid li huwa kien qiegħed jaħdem ta' *security* u dak il-lejl kien hemm oħtu, żewġha u uliedha, u xi raġel pprova jisforza ruħu fuq oħtu, u kien il-konvenut li ddefendiha. Jiċħad ukoll li huwa qatt insinwa li bintu ż-żgħira ma kienetx tiegħu, anzi ma għandu l-ebda dubju dwar il-paternita' tal-istess tifla. Magħdud ma dan, u rigward tat-trasmissjoni tal-mard sesswali, il-konvenut jgħid li hu ma kellu xejn, u kienet l-attriċi li kellha infezzjoni, tant li l-konvenut ma riedx ikollu iktar rapporti intimi magħha u baqa' fir-relazzjoni minħabba t-tfal.

Il-konvenut jikkontendi li l-attriċi kienet tgħid li tixtieq titlaq mid-dar, u l-unika ħaġa li kienet iżżomha lura kienet proprju li ma kellhiex fejn tmur toqgħod x'imkien ieħor. Min-naħa tiegħu, il-konvenut kien jgħidilha li jekk trid tista' titlaq pero' xtaq li t-tfal tħallihom miegħu. Huwa jgħid li huwa kien jaħdem ħafna mid-drabi barra minn Malta, u meta kien jinzerta hawn, kienet tkun l-attriċi stess li tgħidlu biex ma jmurx. Barra minn hekk, jirritjeni li hu dejjem ħadem, u kien ikollu xogħol bix-*shifts* u għalhekk li kien jibqa' riqed filgħodu. Jinnega li kien jgħolli leħnu u jerfa' jdejh, u jisħaq li l-akkużi tal-attriċi ma humiex fondati.

Fil-fehma tal-konvenut l-attriċi kienet qadet iddawwar lil uliedhom kontra tiegħu, speċjalment lil E. Jisħaq illi bħala omm, l-attriċi ma tantx kienet iżżomm dixxiplina mat-tfal, tant li kemm I kif ukoll E nqabdu tqal ta' eta' żgħira. Jikkontendi li huwa jixtieq ikun involut fil-ħajja ta' uliedu ħalli jkollu rwol fit-trobbija tagħhom, b'dana illi jgħid li *"rigward ħinijiet u granet ghall-access, jien lest li nkun flessibbli halli nilhqu kompromess. Nixtieq ukoll li jkun possibbli li jibdew isiru l-isleepovers. Nahseb li sakemm kienu jghixu mieghi jien qatt ma hallejthom neqsin minn xejn ghaliex kull ma kellhom bzonn dejjem ipprovdejtulhom"*.[72]

[72] Fol. 622.

B'referenza partikolari għall-attriċi, il-konvenut jisħaq illi jaf li bħalissa l-attriċi qiegħda toħroġ ħafna, tmur *clubs*, u tibqa' barra sat-tard u għalhekk huwa tal-fehma li mhux tipprovdi biżżejjed sigurta' għall-ħajja tal-minuri u mhux qed tkun responsabbli biżżejjed. Dan ikompli jikkonvinċi ruħu bil-fatt li binthom il-kbira E kellha tarbija ta' ħmistax-il (15) sena, u l-missier ġie mniżżel mhux magħruf.

Permezz ta' affidavit ulterjuri,[73] il-konvenut jgħid illi nhar id-9 ta' Settembru 2016 l-attriċi telqet mid-dar. Huwa jgħid li ma jafx għaliex dan seħħ. Jispjega li aċċess għat-tfal kien ikollu fil-bidu taħt superviżjoni fil-ġnien ta' San Anton. Huwa jikkontendi li pprova jirranġa dak li seta', u qabbad *psychologist* għat-tfal, iżda l-attriċi ma kkooperatx. Jispjega illi huwa qiegħed jaħdem bħala *detention officer* mas-Sezzjoni tal-Imigrazzjoni. Jiddeskrivi lilu nnifsu bħala raġel bieżel, u ħadem diversi impjiegi sabiex l-attriċi u uliedu ma jkun jonoqoshom xejn. Jgħid illi sakemm kien jaħdem fuq *marines* u jaqla' lira tajba, kollox kien sejjer tajjeb mal-attriċi, iżda kif ma kienx fadal iktar xogħol beda jinqala' l-inkwiet. Jispjega illi qabel ma' r-relazzjoni tal-partijiet spiċċat, ir-relazzjoni tiegħu ma' uliedu kienet tajba ħafna. Fir-rigward tal-manteniment huwa jikkonferma li huwa dejjem ħallas manteniment, u meta bintu l-kbira waqfet tistudja huwa waqqaf il-manteniment għaliha.

Finalment jispiċċa jgħid illi *"jien personalment inħoss u nahseb li mhux sew illi ma jkollix access lejn uliedi, xi haga li naqset ghal dawn l-ahhar hames jew sitt snin. Inhoss niket kbar meta nisma li missirijiet ohra li ghandhom hajja ta' xalar u tberbiq bla razan fejn sahansitra jabbuzaw mill-alkohol u sustanzi ohra ferm aktar allarmaneti jkollhom access lejn uliedhom. Mill-banda l-ohra jien li jien persuna minghajr ebda vizzj hziena u li anqas nefrekwenta postijiet ta' divertiment bhal kazini a jkollix access lejn uliedi. Kieku jien kont bniedem li ma nhallasx dak li hu obbligu li nhallas, il-manteniment, kieku nifhem li l-qorti jaf iccahhadni milli nara lit-tfal u oltre minn hekk tiehu passi kontra tieghi ghax it-tfal fl-ahhar mill-ahhar huma tieghi wkoll. Madanakollu, jien inhoss illi bhal ma ghandi obbligu li nhallas manteniment ghandi d-dritt li jkolli access lejn uliedi, illum mat-tnejn iz-zghar peress li l-kbira għandha l-eta taghha".*[74]

Sabiex jissostanza l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

[73] Fol. 682.
[74] Fol. 683.

a. *Żewġ ritratti tal-attriċi tiddeverti f'parties u discos*;[75]

b. *Ix-xhieda tal-attriċi in kontro-eżami*,[76] fejn tikkonferma li matul ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut hija qatt ma ħadmet stante li kellha tfal żgħar. Madanakollu tikkonferma ill l-flus tac-*children allowance* kienet tqassamhom, parti għal ħajja u parti oħra ġġemmahom, u dan flimkien mal-manteniment li kienet tieħu għal bintha l-kbira I J mwielda minn relazzjoni preċedenti. Tispjega li fi ħmistax-il (15) sena qatt ma għamlet rapport ħlief meta telqet mid-dar għaliex ma ridietx tkisser familja, u qatt ma talbet għall-għajnuna ħlief fl-aħħar. L-inċidenti fil-ħin tal-aċċess qalulha bihom it-tfal għaliex hi ma kienetx tkun preżenti għall-aċċess, pero' tikkonferma li l-konvenut irid jara lit-tfal għaliex kieku ma għamilx ir-rikors, madanakolu t-tfal ma jridux imorru għall-aċċess. Hija konsapevoli li tqabdet Carmen Sammut sabiex isir assessjar dwar dan kollu, għaliex ma għandhiex flus. Fil-fatt tikkonferma ukoll li tagħżel li ma taħdimx., u l-introjtu tagħha huwa ta' €450 kull erba' (4) ġimgħat f'Għajnuna Soċjali, €500 kull tlett (3) xhur *children allowance* u €500 fix-xahar manteniment minn għand il-konvenut. Minn dan id-dħul hija tħallas il-kera ta' €550 b'sussidju ta' €130 jew €135 minn għand il-Gvern. Tikkonferma li l-introjtu tagħha huwa fil-fatt inqas minn dak li ddikjarat li tonfoq, u tgħid li tagħmel dan bil-kapaċitajiet tagħha u l-mirakli. Finalment tgħid li E spiċċat mill-iskola ta' 15-il sena u qatt ma nfurmat dan lill-konvenut għaliex ma kellhiex għalfejn, fejn illum E ukoll ma taħdimx iżda tinsab id-dar tieħu ħsieb lil bintha ta' sena filwaqt li tipperċepixxi minn Għajnuan Soċjali u *Children Allowance*;

c. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[77] fejn ippreżenta: (i) l-*employment history* tal-attriċi,[78] u (ii) l-*employment history* tal-konvenut.[79] Ix-xhud jikkonferma ukoll li l-attriċi qatt ma rreġistrat għax-xogħol, u ilha ma taħdem mill-2001;

[75] Fol. 498.
[76] Fol. 628.
[77] Fol. 650.
[78] Fol. 653, fejn jidher li l-unika impjieg li qatt kelha l-attriċi kien ta' *salesgirl* ma' Sarex Ltd għal perjodu bejn l-1 ta' Diċembru 1999 sal-31 ta' Ottubru 2001.
[79] Fol. 654, fejn jidher li fil-preżent jinsab ingaġġjat ma' ARMS Ltd bħala *agent metre reader* fuq bażi *full-time* sa mill-25 ta' Novembru 2018.

d. *Ix-xhieda ta' Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[80] fejn ippreżenta rendikont tal-benefiċċji li pperċepixxew: (i) il-konvenut,[81] (ii) l-attriċi, li fil-preżent tipperċepixxi minn Għajnuna Soċjali u *Children Allwance*,[82] u (iii) E D,[83] li fil-preżent qed tipperċepixxi Għajnuna Soċjali b'rata ta €87.31 fil-ġimgħa, u *Children Allowance*;

e. *Nota datata 17 ta' Frar 2022*,[84] li jiddikjara li l-IBAN tal-kont bankarju tal-attriċi li fih jiġi vversat il-manteniment fil-preżent huwa dak ta' MT83VALL22013000000017309050029, filwaqt li jindika li l-kont bankarju li fih kien jiddepożita l-manteniment fil-passat huwa dak bin-numru 011175445050. Jikkorrabora dan, permezz ta' ritratti tal-istess;[85]

f. *Nota datata 15 ta' Ġunju 2022*,[86] fejn ippreżenta: (i) kopja tal-*bank statements* tal-attriċi għax-xhur ta' Settembru u Ottubru tal-2018 fejn jidher li l-konvenut għamel tlett (3) depożiti ta' €250, €250, u €251 nhar it-12 ta' Settembru 2018, 25 ta' Settembru 2018 u s-6 ta' Ottubru rispettivament,[87] u (ii) kopja tal-irċevuta li jikkonfermaw id-depożiti imsemmija.[88]

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[89] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-*

[80] Fol. 650.
[81] Fol. 662.
[82] Fol. 664.
[83] Fol. 666.
[84] Fol. 693.
[85] Fol. 694, 695.
[86] Fol. 714.
[87] Fol. 715, 716.
[88] Fol. 717 – 719.
[89] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

*koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[90] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[91] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[92] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[93] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[94] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

[90] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[91] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[92] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[93] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[94] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents,* għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

## 4. Is-Sitwazzjoni Pendenti bejn il-Partijiet:

Il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawża ngħataw s-segwenti digrieti *pendente lite* rigward il-kura, kustodja, aċċess, manteniment u kwistjonijiet oħra relatati mal-minuri:

a. Digriet tal-21 ta' Settembru 2016, fejn il-Qorti ordnat li: (i) il-kura u kustodja tal-minuri tkun konġunta bejn il-partijiet, (ii) jiġi mħallas manteniment ta' €500 fix-xahar liema somma għandha tiżdied meta huwa jsib impjieg, (iii) isir aċċess mill-intimat għal uliedu darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn kull darba taħt is-superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ fil-ġranet u l-ħinijiet li tiddeċiedi l-istess Aġenzija;

b. Digriet tal-20 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti ordnat li l-ulied jibqgħu jgħixu mal-omm, filwaqt li akkordat aċċess lill-missier għall-minuri nhar ta' Sibt bejn id-9 u l-11 ta' filgħodu, b'dan illi l-missier ma jieħux lill-minuri d-dar tiegħu u lanqas għand il-familjari tiegħu, iżda joħodhom f'postijiet pubbliċi addattati għat-tfal;

c. Digriet datat 15 ta' Frar 2017, fejn wara li l-Qorti rat in-nota tat-13 ta' Frar 2017, ordnat is-sospensjoni tal-aċċess f'dan l-istadju;

d. Digriet tal-15 ta' Lulju 2017,[95] fejn il-Qorti rat li l-intimat debitament notifikat ma weġibx, u laqgħat it-talbiet kif dedotti fis-sens illi: (i) ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata f'idejn l-attriċi, (ii) l-attriċi ġiet

[95] Fol. 46.

awtorizzata tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, (iii) awtorizzat li l-minuri jattendu Klabb 3-16 mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u (iv) ordnat li tinħareġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 37 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 18 tal-Kapitolu 532 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-attriċi u l-minuri;

e. L-ordni ta' protezzjoni tal-15 ta' Lulju 2017, kontra C D a favur A B u l-minuri E, F u G, aħwa D;[96]

f. Digriet tal-11 ta' Lulju 2017,[97] fejn il-Qorti rat li l-intimat debitament notifikat ma weġibx, u laqgħat it-talbiet kif dedotti fis-sens illi: (i) awtorizzat lil minuri sabiex jattendu Klabb 3-16 mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u (ii) awtorizzat lill-attriċi sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

*In primis*, il-Qorti tikkontendi illi qabel ma tgħaddi għal konsiderazzjonijiet tagħha għandha tissottolienja illi mir-relazzjoni tal-partijiet twieldu tlett (3) itfal, u ċjoe' E D nhar il-21 ta' Ġunju 2002, F D nhar it-3 ta' Ottubru 2006, u G D nhar l-24 ta' Ġunju 2010. Dan ifisser illi fil-preżent, E D għandha għoxrin (20) sena u ma għadhiex tistudja fuq bażi *full-time*, F D għandu sittax-il (16) sena u G D għandha tnax-il (12) sena, u b'hekk it-tnejn għadhom minorenni. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li ma hemmx iktar lok għaliha sabiex tippronunzja ruħha dwar il-kura, il-kustodja, l-aċċess u manteniment ta' E D. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet f'dan ir-rigward senjatament fil-konfront ta' E D.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

[96] Fol. 41.
[97] Fol. 25.

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the tA and serve to render almost impossible the search of the Court for the tA. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri F u G, aħwa D, ulied il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda tal-attrici jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldu il-minuri. In sinteżi l-Qorti tara li l-konvenut qiegħed jaqbel li l-ulied jirrisjedu mal-attriċi, li jħallas manteniment, u kif ukoll li jkollu aċċess għall-istess minuri. Madanakollu, joġġezzjona li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, kif ukoll li l-aċċess ikun superviżjonat mill-Aġenzja Appoġġ. Magħdud mal-premess, mill-atti jidher li l-verżjonijiet tal-partijiet huma kunfliġġenti, hekk kif l-attriċi tikkontendi illi l-konvenut huwa vjolenti, filwaqt li l-konvenut jisħaq li l-attriċi ma hijiex idoneja u kapaċi biex trabbi lil minuri minħabba li ma tapplikax dixxiplina filwaqt li tonqoshom minn dak li huma ikollhom bżonn. Min-naħa l-oħra, it-tnejn li huma jinnegaw dak vantat fil-konfront tagħhom.

Tenut kont tal-premess, kif ukoll tal-provi li għandha quddiemha, din il-Qorti tara li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut huwa bniedem b'demmu spont u kien hemm drabi fejn kien vjolenti ma ta' madwaru tant li dan huwa rifless mill-fedina penali tiegħu. Madanakollu, mill-atti jidher li l-attriċi għamlet rapport wieħed biss fil-konfront tal-konvenut, u minn dak li għandha quddiemha l-Qorti ma hijiex konsapevoli jekk hemm proċeduri pendenti jew inkella jekk dawn ġewx konklużi u nstab ħati. Madanakollu tara illi fil-mori tal-kawża u in vista tar-rapport magħmul mill-attriċi nhar l-1 ta' Ġunju 2017, kif ukoll kopja ta' ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Tonio Xuereb datat l-1 ta' Ġunju 2017 fejn ġie kkonfermat li l-attriċi sofriet minn ġrieħi ta' natura ħafifa,[98] il-Qorti stess kienet li ħarġet ordni ta' protezzjoni nhar il-15 ta' Lulju 2017 a favur l-attriċi u l-minuri. Fir-rigward tal-attriċi, il-Qorti rat illi din jidher li dejjem rabbiet it-tfal kif setgħat, u ma huwiex ippruvat illi hija b'xi mod naqsithom mill-affarijiet neċessarji. Il-fatt li l-konvenut ippreżenta xi ritratti dwar il-fatt li din attendiet xi *parties* u/jew diskoteki, ma għandux ifisser li din ma hijiex omm idoneja. Il-konvenut jallega ukoll li l-attriċi bla kontroll fil-konfront tal-minuri għaliex it-tifla l-kbira ħarġet tqila, u tippermetti lill-minuri ż-żgħira tfalli l-iskola u l-eżamijiet. Il-Qorti tifhem l-argument tal-konvenut, u għalkemm huwa deplorabbli li ġenitur iħalli lill-uliedu jagħmlu li jridu jew li jikkonċedi li jfallu skola inutilment, mill-atti jidher illi bħal eżempju r-rappreżentant tal-iskola ma ġiet kontro-eżaminata dwar dan, kif ukoll lanqas l-attriċi nnifisha. *Di piu'* il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi l-mod kif tidixxiplina lill-uliedek ma jfissirx li dawn b'garanzija mhux ser jiżbaljaw fil-ħajja tagħhom, għalkemm naturalment id-dixxiplina tgħin dejjem. Magħdud ma' dan, il-Qorti ma tidħolx fl-allegata kwistjoni tal-mard trasmess minn atti sesswali, għaliex finalment din hija kawża dwar kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, mhux firda personali bejn il-partijiet.

Għalhekk u wara li l-Qorti ħasbet fit-tul, hija tasal għal konklużjoni illi tenut kont tal-fattispeċji tal-każ, u kif ukoll tal-fatt illi fil-mori tal-kawża l-Qorti stess ħarġet ordni ta' protezzjoni a favur l-attriċi u l-minuri, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar il-karattru aggressiv u vjolenti in ġenerali tal-konvenut. Min-naħa l-oħra, tara li għalkemm forsi l-attriċi għandha n-nuqqasijiet tagħha, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija moralment konvinta li ikun fl-interessi supremi tal-minuri li l-kura u kustodja tagħhom tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-

[98] Fol. 36.

konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[99] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[100] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*. Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[101]

Nonostante l-premess, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mark Micallef pro et noe vs. Ramona Caruana**,[102] fejn ġie ċċarrat dan il-prinċipju: *"(...) s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, izda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih, fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja. Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, id-dritt li jieħu deċizjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pozizzjoni li jezerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb"*.

Fl-każ odjern, il-Qorti tara li ma hemmx bażi illi l-konvenut jiġi żvestit b'mod esklussiv mis-setgħa ta' ġenitur, madanakollu l-Qorti temmen li f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri:

[99] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[100] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[101] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).
[102] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-27 ta' Mejju 2021, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 140/2019 AL).

i. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri; filwaqt li,

ii. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

iii. Dan filwaqt li l-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn jattendu l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri jkunu ma jifliħux jew rikoverati l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day,* (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħhom; u

iv. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[103]

Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas**

[103] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

**Spagnol**,[104] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta li *pendente lite* għall-kawża odjerna, il-kwistjoni tal-aċċess ġiet regolata, iżda konsegwentament tali dritt ġie sospiż permezz ta' digriet datat 15 ta' Frar 2017. Il-Qorti tara illi l-minuri għandhom sittax-il (16) sena u tnax-il (12) sena rispettivament. Tenut kont tal-eta' tagħhom kif ukoll tal-fatt li l-konvenut ilu ma jara lil minuri għal żmien twil, il-Qorti tara li fir-rigward taż-żewġ minuri l-aċċess għandu jkun wieħed liberu fejn il-konvenut u l-minuri, jekk ikun il-każ, għandhom jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluz f'Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri nfushom.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza jgħixu magħha, l-intimat għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[105] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[106] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema*

[104] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.
[105] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[106] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.

*rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina,**[107] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[108]*". ".*

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-attriċi ppreżentat prospett dwar l-ispejjeż għal bżonnijiet tat-tlett (3) itfal minuri,[109] fejn fix-xahar tonfoq is-somma ta' €1,284, u €340 oħra spejjeż fissi fis-sena – liema somma tista' tawmenta ukoll għal €600. Tajjeb li jingħad illi tali prospett ma ġiex ikkorraborat b'xi rċevuta. Għalhekk abbażi ta' dak allegat ill-attriċi, jirriżulta li fix-xahar hija tonfoq madwar €428, u dan ad esklużjoni ta' dawk l-ispejjeż fissi ta' matul is-sena li jammontaw għal massimu ta' €200 kull minuri. Barra minn hekk, mill-atti jidher illi l-attriċi tinsab tipperċepixxi minn għajnuna soċjali, filwaqt li l-konvenut skont l-affidavit tiegħu jirriżulta li qed jaħdem bħala *detention officer* mas-Sezzjoni tal-Imigrazzjoni. Magħdud ma' dan, jirriżulta li *pendente lite*, skont ordni tal-Qorti tal-21 ta' Settembru 2016 kienet li l-konvenut iħallas is-somma ta' €500 fix-xahar għal tlett minuri.

Tenut taċ-ċirkostanzi u l-provi mresqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull minuri, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €550 kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu F u G, aħwa D, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew

[107] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[108] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[109] Fol. 614.

min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance,* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' €275 għal minuri F u G D, għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2020, u dan skont il-prinċipju kif addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri**.[110]

Fir-rigward ta' arretrati, fl-affidavit tagħha l-attriċi tgħid illi hemm madwar €1,250 arretrati ta' manteniment għal perjodu bejn nofs Novembru 2017, Diċembru 2017 u Jannar 2018. [111] Konsegwentament, f'affidavit ulterjuri, l-attriċi terġa' mill-ġdid tikkonferma li l-konvenut ma ħallasx il-manteniment għal nofs Novembru 2017, Diċembru 2017 u Jannar 2018. Għalhekk, l-attriċi tgħid li kellha tagħmel rapporti mal-Pulizija, iżda għalkemm il-konvenut reġa' beda jħallas, huwa naqas milli jħallas l-ammont kollu. Tispjega li mid-29 ta' Jannar 2018 sas-7 ta' Novembru 2018 il-konvenut ħallas is-somma ta' €2,290. Tispjega ukoll illi l-konvenut naqas ukoll milli jħallasha l-manteniment għax-xahar ta' Ottubru 2019, u tasal għal konklużjoni li l-konvenut għandu jħallasha s-somma ta' €4,210 f'arretrati. Madanakollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-attriċi tgħid illi minn tali somma trid titnaqqas is-somma ta' €500 għax-xahar t'Ottubru 2019 stante li dawn konsegwentament tħallsu.[112]

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[113] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment*

[110] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Mejju 2015 (Rik. Nru. 24/2012 RGM), u l-prinċipju in kwistjoni ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 2016 (App. Nru. 24/2012/2): liema kawża ġiet intavolata nhar it-30 ta' Jannar 2012 u matul il-medjazzjoni, senjatament nhar l-14 ta' Novembru 2011, ngħata digriet *pendente lite* għall-manteniment ta' €120 kull erba' (4) ġimgħat. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti pprosegwiet billi ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €200 kull erba' (4) ġimgħat b'effett mit-30 ta' Jannar 2012 (ċjoe' meta nbdiet il-kawża) sal-31 ta' Diċembru 2014, filwaqt li b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem (qabel ma nqatat il-kawża) il-konvenut ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €300 kull erba' ġimgħat, b'dan illi l-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

[111] Fol. 58.
[112] Fol. 710.
[113] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).

*ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi".* B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[114]

Il-Qorti f'dan ir-rigward tara r-rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija fejn rrappurat li l-konvenut ma kienx qed iħallas il-manteniment dovut, kif ukoll l-*istatements* bankarji. Għalhekk tara li t-talba tal-attriċi hija waħda ġustifikata. Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, jrriżulta illi minn Diċembru 2017 sa Settembru 2018, il-konvenut ħallas is-somma ta' €5,821, meta dan kellu jħallas is-somma ta' €11,000. Għalhekk il-konvenut jidhe li ma ħallasx is-somma ta' €5,179 għal tali perjodu, liema somma trid tiġi rifuża lill-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel u dan fir-rigward ta' F u G D, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi:

    i. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri; filwaqt li,

[114] *Ibid.*

ii. Id-deċiżjonijiet ta’ natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta’ skola, (ii) interventi ta’ saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni għal attivitajiet extra-kurrikulari, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta’ passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b’mod konġunt mill-partijiet;

2. Tilqa’ limitatament it-tieni talba u dan fir-rigward ta’ F u G D, u tordna li l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta f’dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

3. Tilqa’ limitatament it-tielet talba, u tordna li fir-rigward taż-żewġ minuri l-aċċess għandu jkun wieħed liberu bejn il-konvenut u l-minuri, jekk ikun il-każ, għandhom jifthemu bejniethom dwar meta għandhom jiltaqgħu, inkluz f’Jum il-Missier, għeluq żmien il-konvenut, fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid, u għeluq żmien il-minuri nfushom;

4. Tilqa’ ir-raba’ u l-ħames taba limitatament fir-rigward ta’ F u G D, u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ mitejn Ewro (€200) f’manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull minuri, u b’hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta’ ħames mija u ħamsin (€550) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata’ minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista’ jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal uliedu F u G, aħwa D, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children’s Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F’każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu

jitħallas direttament lilhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi tali ċifra ta' mitejn u ħamsa u sebgħin euro (€275) għall-minuri F u G D, għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2020;

5. Tilqa' is-sitt talba u tordna:

   i. Li l-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn jattendu l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri jkunu ma jifliħux jew rikoverati l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li tkun rikoverata l-isptar, (e) jattendi Prize Day u Parents' Day, (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħhom; u

   ii. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.